**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 26 ta` Gunju 2019**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Tony Cachia)**

**Vs**

**RICHARD ATTARD**

Kump Nru 1053/2010.

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Richard Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 325284M**, gie akkuzat talli:

1. Fl-20 ta’ Settembru 2010 ghall-hin tal-11:30pm gewwa l-pitch tal-‘Hockey Club’, Triq Manwel Dimech, Qormi, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ Jeffrey Saliba f’periklu car, ikkagunajtlu offiza ta’ natura gravi hekk kif iccertifika Dr. M. Grech Med.Reg.no 5237 mill-isptar Mater Dei.

2. U aktar, talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uzajt vjolenza sabiex iggieghel lil Jeffrey Saliba jhalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ksirt volontarjament il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbiku;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbejt kontra l-persuna ta' Jeffrey Saliba sabiex tingurjah iddejqu jew taghmel hsara lil din il-persuna;

Il-Qorti hija mituba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi skond l-Art.383 *et seq* tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta ta' Jeffrey Saliba.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tat-3 t' Awwissu 2012 (ara *folio* 61) u l-kunsens tal-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara folio 87)

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-provi principali imressqa f' dan il-kaz huma, fil-qosor is-segwenti.

**Spettur Tony Cachia** fis-seduta tas-16 ta' April 2012 a fol.33 ikkonferma li kien qieghed stazzjonat l-ghassa ta' Haz-Zebbug ilahhaq Hal Qormi wkoll meta dahal rapport ma' PS539 Fabian Caruana li certu Jeffrey Saliba kien mar jirraporta l-Ghassa ta' Hal-Qormi li kien qieghed jilghab loghba 5-a-side gewwa l-Hockey Ground ta' Hal-Qormi, fejn f'mument minnhom kellu argument ma' certu Richard Attard l-imputat li f'daqqa wahda dan ta daqqa ta' ponn f'ghajnejn Jeffrey Saliba u ta' dan il-vittma pprezenta' certifikat mediku li juri li dan sofra griehi ta' natura gravi.

Sostna wkoll li meta kellem lill-imputat l-imputat sostna li kienu qed jilghabu u l-loghba sahnet u f'mument sahnet, huwa thawwad u xejjirilu daqqa ta' ponn wahda tant li wara dan iddispjacih wkoll.

**PS539 Fabian Caruana** fis-seduta tas-16 t' April 2012 a fol.38 sostna li Jeffrey Saliba ghamel ir-rapport mieghu gurnata wara l-loghba u cioe nhar il-21 ta' Settembru fit-8:35 u sostna li l-imputat tah daqqa ta' ponn u qabel dan kien wkoll diga tah xi daqtejn bil-minkeb waqt il-loghba.

**Jeffrey Saliba** a fol. 44 xehed li kien qieghed waqt loghba football 5-a-side ta' One day tournament fejn f'daqqa u l-hin meta lanqas kien involut fl-azzjoni u propju kien in-naha l-ohra tal-ground, l-imputat f'daqqa u il-hin mar fuqu u xejjirlu daqqa ta' ponn. Sostna li wara dan huwa gie invistat u kkonkludew li sofra griehi gravi tant li fix-xhur ta' wara l-incident Jeffrey Saliba kellu jaghmel operazzjoni u interventi u baqa taht il-kura tat-tabib Dr. Francalanza u sostna wkoll li sofra griehi permanenti f'dak li huwa *double vision* u problemi ta' vista.

**Xehed Dr. Martin Francalanza** fit-2 ta' April 2014 a fol.73 fejn spjega li huwa Orthoptist, specjalist fil-muskoli tal-ghajnejn. Sostna li huwa kien invista lil Jeffrey Saliba u dan kellu *injury* f'ghajnejh, kellu parti mill-ghadam fil-hofra tal-ghajn li gie mxaqqaq bl-*injury*. Spjega li kien qieghed jinvista lil Saliba mill-incident kemm qabel l-operazzjoni li kien ghamel kif wkoll wara sa Lulju 2011 fejn din il-problema f'ghajnejh il-leminija kienet ppersistiet. Spjega li l-vittma kellu disabilita' permanenti ta' mill-inqas 10%. Spjega li d-daqqa hija kompatibbli ma’ daqqa direttament *'straight on'* fuq ghajnejh.

**Xehed is-sur Patrick Barbara** a fol. 77 li spjega li dan kien qieghed jilghab fil-loghba meta sar l-incident u minn naha tieghu ddikjara li f'hin minnhom Jeffrey Saliba dahal b'*tackle* normali fuq Richard Attard u rrizulta li Jeffrey Saliba spicca mal-art waqt li Richard Attard baqa bil-wieqfa, kkonferma li dan kien il-punt li fih l-imputat fajjar id-daqqa ta' ponn lil Jeffrey Saliba f'wiccu fiz-zona tal-ghajn il-leminija.

**Xehed Alan Zammit** a fol.80 li kkonferma li hu kien qieghed jaghmilha ta’ *referee* fuq l-okkazzjoni tal-incident pero kkonferma li hu ma ghandu ebda esperjenza jew kwalifiki ta' dan. Kkonferma li l-loghba kienet wahda kemmxejn pikuza u stqarr li hu

pprova jikkalma s-sitwazzjoni minghajr ma jkecci l-ebda player ghax dan jipprova jevitah. Spjega li hu sikket lill-imputat tlett darbiet wara li l-imputat tkellem b'mod ta' theddid u qal wkoll diskors bhal “jekk ma jhallinix nghaddi nifqalek ghajnejk”.

**Dennis Mallia** xehed a fol.102 fit-12 ta' April 2016 u spjega li l-vittma kellu *double vision* meta gie ezaminat f' Dicembru tal-2012 u din hija attribwibbli ghal-fatt li kellu *injury* u kellu frattura ta' *orbit* u kellu jigi operat u ghamlulu *titanium mesh*, sfortunatament inqabdu l-*muscles* tal-ghajnejn u allura hemm certu pozizzjonijiet illi dan meta jhares fihom jibda jara doppju ghax iz-zewg ghajnejn ma jimxux flimkien. Kkonferma li mhux mistenni li l-kundizzjoni tieghu tista tigi l’quddiem fil-futur ghax wara sentejn kwalunkwe ammont ta' *healing* jkun sar u normalment l-affarijiet jieqfu hemmhekk. Minn naha tieghu esebixxa r-rapport tieghu a fol. 112 u kkalkula li l-persentagg ta' dizabilita' huwa dak ta' 15%. Qal wkoll li ma setax jeskludi li bejn il-2010 u il-2012 seta gara xi haga ohra.

**Xehed Richard Attard**, a fol.127 fejn dan stqarr li l-incident inqala u cioe id-daqqa inghatat waqt li kienu f'nofs ta’ loghba u partikolarment f'nofs azzjoni u ma kinitx avveniment indipendenti mill-loghob. Sostna li l-vittma kien dahallu diversi drabi bis-sahha u spjega li gibidlu l-attenzjoni dwar dan. Kompla jghid li f'hin minnhom kien dahru lejn il-vittma ghax kien qieghed f'pozizzjoni ser jircievi l-ballun u dahallu Saliba b'mod salvagg tant li zbilancjah ghal kollox u b'id minnhom laqat lis-sur Saliba f'wiccu. Spjega li fl-opinjoni tieghu dan kien incident normali tal-football u mhux vera li dar u xejjer daqqa intenzjonalment, ammetta li vera li xejjer idu u vera wkoll li laqat lis-sur Saliba f'wiccu.

**Xehedet MaryAnne Zammit** a fol.186 fejn spjegat li l-imputat ghandu hajja ta' stabbilita' u xoghol *full time*. Spjegat li fil-passat kellu trawma li b'xi mod baqghet anke tinfluwenzah, il-mewt ta' ommu. Sostniet li mill-*home visits* rat li ghandu konnessjoni tajba kemm ma’ hutu u ma’ missieru u anke mal-familja t’uliedu u tal-mara tieghu.

**Ikkunsidrat;**

Illi mir-rizultanzi processwali irrizulta illi nhar l-20 ta' Settembru 2010, ghall-habta tal-11:30pm gewwa l-pitch tal-Hockey Club, Triq Manuel Dimech, Qormi, f'kuntest ta' tournament tal-5-a-side, kienet qed tintlab loghoba fejn fuq in-nahat opposti kien hemm l-imputat Richard Attard u Jeffrey Saliba.

Illi rrizulta li dik il-loghoba partikolari kienet xi ftit tahraq, animuza u d-dahliet ukoll xi ftit iebsin. F'hin minnhom, meta l-imputat kien xi ftit ecitat minhabba l-loghoba, xejjer daqqa ta' ponn lil Jeffrey Saliba u laqtu sew fuq ghajnejh.

B'din id-daqqa, Jeffrey Saliba spicca mal-art u sussegwentement, meta gie f'idejn il-medici, irrizulta li konsegwenza ta' dan l-incident huwa kien sofra griehi gravi.

Il-prosekuzzjoni irnexxila tipprova sal-grad li trid il-ligi li l-imputat ried jaghmel li ghamel u effettivament esegwixxa l-intenzjoni tieghu billi xejjer id-daqqa ta' ponn.

Il-verzjoni l-ohra, u cioe li l-ferita sofferta minn Jeffrey Saliba kienet wahda accidentali, li sehhet propju waqt azzjoni kalcistika, certament ma treggix.

Ghaldaqstant l-ewwel u r-raba imputazzjonijiet gew sufficjentement ippruvati.

Minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali, din il-Qorti ma rriskontratx provi bizzejjed ghal dak li jirrigwarda t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet. In effetti dawn ma gewx pruvati skond il-ligi.

**Ikkunsidrat;**

Ghal dak li jirrigwarda l-piena jew sanzjoni applikabbli l-Qorti certament qed tiehu l-fatturi kollha applikabbli in konsiderazzjoni – fosthom izda mhux biss –

1. Il-fedina penali u
2. Ir-rapport ta' Mary Anne Zammit

Izda din il-Qorti tqis li l-azzjoni tal-imputat – il-vjolenza fizika da parti tieghu, aktar u aktar meta din sehhet waqt avveniment sportiv – kienet azzjoni gravi u ma ghandhiex tkun tollerata.

**Decide;**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti** wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 218(1)(a)(2), 251(1), 338(dd) u 339(d) u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u minnhom tilliberah skond il-ligi; izda ssibu hati tal-ewwel (1) u tar-raba (4) imputazzjonijiet u tikkundannah ghall-sena prigunerija izda bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` sentejn (2) mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost tal-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti nominati. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Richard Attard, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu f'kaz ta` ksur ta` din is-sentenza.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur